VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,473, 11 ta' Settembru, 2015
Taqsima B

A.L. 291 tal-2015

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-IBĦRA TERRITORJALI U Ż-ŻONA KONTIGWA (KAP. 226)

ATT DWAR IL-BLATA KONTINENTALI (KAP. 535)

Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2, 8, 61, 64 u 66 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, bl-artikoli 3(2), 4 u 7(1) tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Blata Kontinentali, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, u l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.109

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira d-definizzjoni "skart" għandha tiġi sostwita b'dan li ġej:

" "skart" għandha l-istess tifsira kif imfisser fir-Regolamenti dwar l-Iskart;". L.S. 504.37

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "ir-regolamenti 6 u 7 tar-Regolamenti dwar il- Prevenzjoni u r-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Rimedju għal Danni Ambjentali" għandhom jidħlu l-kliem "ir-regolamenti 6, 7, 8 u 9 tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu, għandu jiżdied is-sub-regolament ġdid li ġej:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha tirkupra mill-operatur l-ispejjeż li jkunu ntefqu fir-rigward tal-miżuri msemmija fis-subregolament (4), ukoll bl-użu tal-garanzija finanzjarja skont ir-regolament 19.".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Aċċess għan-netwerks u għas-siti tal-ħżin.

21A. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-utenti potenzjali jkunu jistgħu jiksbu aċċess għan-netwerks tat-trasport u għas-siti tal-ħżin tad-CO_2 għall-iskopijiet ta' ħżin ġeoloġiku ta' dijossidu tal-karbonju prodott u miġbur, f'konformità mas-subregolamenti (2), (3) u (4).

(2) L-aċċess imsemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi pprovdut b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju ddeterminat mill- awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-għanijiet ta' aċċess ġust u miftuħ, u tqis:

(a) il-kapaċità ta' ħżin li hija jew tista' raġonevolment issir disponibbli ġewwa ż-żoni ddeterminati taħt ir-regolament 4, u l-kapaċità ta' trasport li hija jew tista' raġonevolment issir disponibbli;

(b) il-proporzjon tal-obbligi nazzjonali tat-tnaqqis tad- CO_2 skont strumenti legali internazzjonali u leġislazzjoni tal-Komunità li Malta għandha l-intenzjoni li tilħaq permezz tal-ġbir u l-ħżin ġeoloġiku tad-CO_2;

(ċ) il-bżonn li jiġi rrifjutat l-aċċess fejn ikun hemm nuqqas ta' kompatibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ma jistgħux jingħelbu b'mod raġonevoli;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) il-bżonn li jiġu rrispettati l-bżonnijiet raġonevoli sostanzjati kif xieraq tas-sid jew tal-operatur tas-sit tal-ħżin jew tan-netwerk tat-trasport tad-CO_2 u l-interessi tal-utenti l-oħra kollha tal-ħżin jew tan-netwerk jew tal-faċilitajiet rilevanti ta' l-ipproċessar jew tal-ġarr li jistgħu jiġu affetwati.

(3) L-operaturi tan-netwerk tat-trasport tad-CO_2 u l-operaturi tas-siti tal-ħżin jistgħu jirrifjutaw l-aċċess fuq il-bażi ta' nuqqas ta' kapaċità. Għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati kif xieraq għal kull rifjut.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-operatur li jirrifjuta l-aċċess għal raġuni ta' nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' konnessjoni jagħmel it-titjib meħtieġ sakemm ikun ekonomiku li jagħmel dan jew meta jkun hemm klijent potenzjali li jkun lest li jħallas għalihom:

Sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq is-sikurezza ambjentali tat-trasport u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2.

Nomina ta' awtorità indipendenti.

21B. (1) Il-Prim Ministru għandu jinnomina awtorità indipendenti għall-għan ta' dawn ir-regolamenti u d-Direttiva 2009/31/KE, u tali awtorità indipendenti għandha jkollha aċċess għat-tagħrif kollu rilevanti, sabiex il-kwistjonijiet relatati mal-aċċess għan-netwerks tat-trasport u għas-siti tal-ħżin jiġu riżolti malajr, filwaqt li jiġu meqjusa l-kriterji msemmija fir-regolament 21A(2) u n-numru ta' partijiet li jistgħu jkunu involuti fin-negozjar ta' dan l-aċċess..

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) F'każ ta' kwistjonijiet transkonfinali, l-arranġamenti ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu applikati fejn Malta jkollha ġuriżdizzjoni fuq in-netwerk tat-trasport jew fuq is-sit tal-ħżin li għalih l-aċċess ġie rifjutat. Fejn, f'kwistjonijiet transkonfinali, aktar minn Stat Membru wieħed ikopri n-netwerk tat-trasport jew is-sit tal-ħżin kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta l-kontropartijiet tagħha fl-Istati Membri kkonċernati bil-għan li jiġi żgurat li d-Direttiva 2009/31/EC tiġi applikata b'mod konsistenti.".

Emenda ġenerali.

5. Minflok il-kliem "ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra" kull fejn jidhru fir-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra".